MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 170/2004

**Mark Bonanno**

**Vs**

**Alfred Galea**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm368.14 (tlett mija u tmienja u sittin Lira Maltin u erbatax-il centezmu) bhala danni kkawzati f'incident awtomobilistiku f'Hal Qormi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Din hija l-istanza fejn l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' tlett mija tmienja u sittin lira erbatax-il centezmu (Lm368.14) li garrab l-attur bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara f'Hal Qormi fis-16 ta' Dicembru

2003 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. GVN 033 huwa habat mal-vettura Nru. AAC 631, propjeta` tal-attur u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre id-danni attrici, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar 2004, flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta b'kontro-talba fejn inghad:-
F'din l-istanza il-konvenut qed jikkontesta t-talbiet attrici u jaghmel kontro-talba ghall-kundanna tal-attur ghal-likwidazzjoni u rizarciemnt ta' dan li jammontaw ghal mitt lira maltin (Lm100) li l-konvenut garrab bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku li sehh f'Hal Qormi, Triq l-Imdina nhar is-16 ta' Dicembru 2003 meta l-attur kien qed isuq vettura numru AAC631 u habat go l-konvenut li kien qed isuq il-vettura Nru. GVN 003, ghal liema incident l-attur ghandu jinzamm unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u innosservanza tar-regolamenti.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba fejn inghad li:-
In linea preliminari, il-kontro-talba tal-konvenut hija legalment insostenibbli peress illi l-konvenut ma garrab ebda danni konsegwenza tal-incident. Huwa l-Ministeru tal-Edukazzjoni, li mhux parti fil-kawza, bhala sid tal-vettura misjuqa mill-konvenut, li jista` javvanza pretensjoni ghal dan ghalkemm mhux permezz ta' kontro-talba u li l-attur jikkontesta.

Bla pregudizzju ghall-permess, kull talba tal-konvenut ghal risarciment ta' dan ghandha tkun respinta stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in esami.

Fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghall-permess, il-quantum tad-danni pretiz mill-konvenut huwa kontestat u ghalhekk ghandu jigi pruvat skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-habta ssuccediet fl-akkwati ta’ stop sign. Il-konvenut gie biex johrog minn fuq stop sign biex jidhol go arterja principali tat-traffiku bhal ma hi Mdina Road, Qormi. Li hu kontestat huwa l-operat tal-konvenut fis-sewqan tiehu. ‘A tempo vergine’, huwa stqarr mal-Pulizija li jiena dort minn Hal Qormi ghal Haz Zebbug. Waqaft fuq l-stop sign. Kif rajtu l-boghod jien hrigt u hekk kif hrigt smajt id-daqqa. Mistoqsi jekk jiena waqaftx jiena nghid illi jiena waqaft qabel id-daqqa cioe` waqaft fuq l-stop sign u hrigt. Seduta stante, huwa stqarr li waqaf, ra vetturi fil-boghod hareg u sema` daqqa fuq wara. Lil Pulizija qallu li kien miexi u dahlu fih, tul ta’ xi hames (5) karozzi. Da parti tieghu, l-attur qal lil Pulizija u li rah wieqaf il-barra mill-stop sign, zamm break u habat. Seduta stante stqarr li hargitlu vettura, waqfet angolata u habtu.

L-Art 205 u 206 tal-‘Highway code’ jistipulaw li vettura ghandha tieqaf fuq stop sign u taghti precedenza minghajr ma jigi ostakolat il-‘free flow of traffic’. Vettura ghandha tisporgi fuq it-triq, unikament meta ma jigi kostitwit l-ebda periklu ghall-intenti l-ohra tat-triq. Min qieghed fuq il-‘main road’ jippretendi b’mod gustifikat minghand min irid jinghaqad dit-triq li jaghmel l-istess manuvra b’kawtela, perizia u osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Dak li gara huwa li l-konvenut ra lill-attur gej ikkalkula li johrog, kellu ripensamendt immedjat ghax l-attur lahqu, waqaf b’mod angolat u kien f’dak il-mument ossia fl-agimija tal-incident, li prova l-attur jieqaf izda dahal fuq wara tal-vettura tal-konvenut. Hekk kif hariglu u waqaflu, l-attur sabu ma wiccu.

In vista li l-konvenut qed jigi misjub unikament responsabbli ghall-incident ‘de quo’, il-kontro-talba tieghu qed tigi michuda. Pero` ghal kull bon fini, jigi ribadit li in vista huwa ma kienx is-sid tal-habta fil-mument tal-habta, ma setax jipprommovi l-kontro-talba. Ancorke ezitu

negattiv, kien ikun tenut responsabbli lejn sid il-vettura biex jaghmel tajjeb ghad-danni kkagunati fl-istess vettura misjuqa.

A rigward tal-quantum tad-danni dawn gew pruvati bid-dokumenti hemm esibiti u ma gewx kontestati.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jichad il-kontro-talba tal-konvenut, jilqa` l-eccezzjoni tal-attur ghal kontro-talba tal-konvenut, u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somnma ta’ tlett mija tmienja u sittin Lira u erbatax-il centezmu (Lm368.14) spejjez subiti, bl-ispejjez u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------